# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 31 ta` Jannar 2017**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Nru.750/09 JZM**

**Perit Raymond Vassallo, Karta tal-Identita` numru 107544(M), u ghal kull interess li jista` jkollha Mariella Vassallo, KI Nru. 2649(M)**

***kontra***

**1 Regent Holdings Limited (C-2130)**
**2 Perit William Carbonaro u Gabriella Carbonaro, mizzewgin**
**3 Perit Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin**
**4 Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fit-30 ta` Lulju 2009 li jaqra hekk :–

*1. Illi dan huwa rikors a tenur ta` l-Artikolu 402 tal-Companies Act (Kap 386); is-socjeta` in kwistjoni hija Regent Holdings Limited u l-esponent ghandu mija u hamsa u ghoxrin (125) azzjoni ordinarja ta` zewg Euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta (2.329373); l-intimati l-ohrajn Perit William Carbonaro, Perit Edward Micallef u Anthony Parlato Trigona ghandhom kull wiehed ukoll 125 azzjoni ta` €2.329373, biex b`kollox il-kapital azzjonarju huwa ta` hames mitt azzjoni ekwivalenti ghall-kapital nominali ta` elf mija u erbgha u sittin punt disgha sitta Euro (€1164.69) maqsum spjegat; qed tigi esebita kopja tal-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija, Dok "A";*

*2. ILLI dan ir-rikors qed isir ghaliex l-esponenti bhala azzjonista minoritarju ihoss illi l-kumpannija qed titmexxa b`mod illi huwa oppressiv, ingustament diskriminatorju jew ingustament ta` pregudizzju ghalih bhala azzjonist minoritarju, kif ukoll kontra l-interess tal-membri tal-kumpannija u tal-kumpannija l-assi u n-negozju taghha, hawn taht imsejjah `il-pregudizzju jew l-oppressjoni";*

*3. ILLI l-pregudizzju jikkonsisti filli:*

*(a) is-socjeta` titmexxa f` interess predominanti ta` l-azzjonisti u diretturi li huma William Carbonaro u Anthony Parlato Trigona: dan ghaliex l-esponent gie mnehhi illegalment, fil-fehma tieghu, minn Direttur u floku l-casual vacancy mtliet mit-tifel ta` William Carbonaro;*

*(b) hemm konflitti ta` interess kostanti fil-procedura; il-Managing Director Anthony Parlato Trigona ghaliex dan iddikjara lill-mara tieghu bhala parti mill-payroll tal-kumpannija u tithallas sigurta` socjali u dan ghal skopijiet taghhom u mhux tas-socjeta`; illi bejn iz-zewg Diretturi Carbonaro u Parlato Trigona qedin imexxu negozju u joperaw konsulat ta` Thailand mill-ufficju li l-kera tieghu thallasha s-socjeta` Winex Limited, li hija sussidjarja tas-socjeta` Regent Holdings Limited;*

*In oltre l-kera li thallas Winex Limited ghal kamra f`44, Regent House, Triq Bisazza, Sliema qed tithallas lil TPT Limited, kumpannija tal-familja ta` Anthony Parlato Trigona; is-socjeta` TPT Limited tikri minn ghand WCO Limited, socjeta` tal-intimat Direttur William Carbonaro; dawn*

*huma socjetajiet li huma f`kompetizzjoni diretta u ma hemm ebda gustifikazzjoni ghal dan l-arrangament;*

*Konflitt iehor ta` interess fit-tmexxija hija illi l-intimat Anthony Parlato Trigona kien ha awment fis-salarju tieghu, bil-ftehim illi ma jibqax jahdem u jopera minn 44, Regent House, Bisazza Street, Sliema: dan fil-fatt ma ccaqlaqx izda ha s-salarju awmentat;*

*(c) kien hemm tnehhija ta` l-esponenti minn Direttur illi ma saritx validament; dan apparti r-rekwiziti ta` l-istatut li jipprovdi ghall-maggoranza ta` tmenin fil-mija ta` l-azzjonijiet, l-iskop u r-ragunament ta` l-istatut li jipprovdi ghalll-maggoranza ta` tmenin fil-mija ta` l-azzjonijiet, l-iskop u r-ragunament li bih saret kienet manifestament fl-interess ta` grupp ta` azzjonisti u certament mhux animata mill-ahjar interess tas-socjeta`;*

*(d) Illi hemm traskuragni grossolana fl-andament ta` l-affarijiet tas-socjeta`, b`mod illi diversi obbligi statutorji gew injurati u s-socjeta` Regent Holdings Limited u d-diretturi taghha inkorrew multi, bl-esponenti tqies mill-awtoritajiet ukoll personalment responsabbli;*

*Inoltre l-intimati hargu dividend ta` profitti minghajr ma gie miftiehem l-ammont tad-dividend: sar arrangament bejn zewg diretturi ta` Regent Holdings Limited, minghajr ebda involviment jew konsultazzjoni mill-esponent u minghajr ma gie determinat l-ammont ta` dividend: din hija gestjoni totalment irregolari u ghalhekk prova ohra tal-malgestjoni;*

*(e) ILLI llum hemm deadlock fil-mod kif qed titmexxa s-socjeta` intimata, li giet highjacked bil-mod kif qed titmexxa; ir-raison d`être u s-substratum necessarju ghall-funzjonament tal-kumpannija spicca; dan ghaliex Regent Holdings Limited kienet saret sabiex isir progett ta` zvilupp f`Tigne Street, Sliema u tirraprezenta l-interessi tal-kontribuzzjoni ta` Periti u project management ta` Parlato Trigona; dan il-progett illum intemm, il-proprjeta` u l-operazzjoni tal-progett hija ta` Winex Limited u ghalhekk ma hemmx aktar raguni ghaliex tibqa` tezisti Regent Holdings Limited; inoltre kull dividend li tqassam Regent Holdings Limited huwa mxekkel bi spejjez amministrattivi tal-kumpannija;*

*4. ILLI l-esponenti jixtieq ukoll jitlob illi s-socjeta` Regent Holdings Limited ma tinkorri ebda spejjez minghajr il-previa awtorizzazzjoni tal-Qorti,*

*GHALDAQSTANT L-ESPONENTI titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha (1) a tenur ta` l-artikolu 402 tal-Att dwar il-kumpanniji taghti ordni u direttivi sabiex il-pregudizzju u l-oppressjoni fil-konfront ta` l-esponenti jieqaf taht dawk il-provedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni u (2) taghti rimedji u direttivi provvisorji kif mitlub fl-artikolu 4 fuq, fejn il-Qorti tordna illi s-socjeta` Regent Holdings Limited ma tinkorri ebda spejjez minghajr il-previa awtorizzazzjoni tal-Qorti.*

Rat id-dokument li kien anness mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezentaw il-Perit William Carbonaro u martu Gabriella Carbonaro fl-10 ta` Settembru 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi l-allegazzjonijiet kollha esposti fir-rikors promotur dwar tmexxija irregolari, oppressjoni, trattament diskriminatorju u allegazzjonijiet ohra huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom;*

*2. Illi t-tieni talba tar-rikorrenti hija rrita peress illi kif gie minnhom premess ir-rikors qieghed isir a tenur tal-Artikolu 402 tal-"Companies Act" li ma jikkontempla l-ebda rimedji ohra salv dawk li hemm riferenza ghaihom fl-istess Artikolu u ghalhekk ghandha tigi michuda. F` kull kaz u bla pregudizzju ghal dak li qed jigi espost ma jezistux ragunijiet sufficjenti sabiex jittiehdu tali mizuri provvizorji, u se mai ir-rikorrenti jridu jippruvaw il-htiega li tintlaqa` t-talba taghhom;*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra;*

*4. Illi l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti;*

*4.1 Il-fatti esposti fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur jirrispekkjaw tajjeb ir-reazzjoni bejn il-partijiet bhala azzjonisti fis-socjeta` intimata. Mill-bqija r-rikors promotur jikkonsisti biss f`allegazzjonijiet inveritieri li ma jirrispekkjawx l-affarijiet kif verament huma;*

*4.2 L-uniku vera lment tar-rikorrenti huwa li Raymond Vassallo tnehha minn direttur-att ordinarju fil-kors tat-tmexxija ta` socjeta` u*

*kontemplat fl-Artikolu 140 tal-"Companies Act" li fiha nfisha m`hi ta` ebda oppressjoni. Mhux minnu li d-diretturi tas-socjeta` qed imexxu fl-interess ta` xi azzjonisti biss;*

*4.3 Ir-rikorrenti jippretendi li ghandu xi dritt assolut ikun direttur u li t-tnehhija tieghu minn direttur hija ta` pregudizzju ghalih fis-sens tal-Artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji invokat minnu. Iza f`qasam socjetarju l-affarijiet mhux hekk. Id-direttur jirrapprezenta l-interessi tal-azzjonisti kollha tas-socjeta` u mhux tieghu nnifsu jew ta` xi whud mill-azzjonisti biss;*

*4.4 Id-diretturi prezenti jaqdu dmirijiethom fl-ahjar interessi tal-azzjonisti kif huma tenuti jaghmlu skond il-ligi. It-tnehhija tar-rikorrenti Raymond Vassallo minn direttur saret skond il-ligi u dan il-fatt m`hu ta` l-ebda pregudizzju ghalih bhala membru tas-socjeta` intimata. Fil-fatt, ir-rikorrenti mkien ma ndikaw fhiex-skond huma-kienet tikkonsisti l-illegalita`;*

*4.5 L-allegazzjonijiet ta` irregolarita` esposti f`paragrafu 3(b) tar-rikors promotur huma wkoll infondati. Ibda biex il-mara ta`Anthony Parlato Trigona tidher bhala impjegata tas-socjeta` intimata in segwitu ta` ftehim bejn Windsor Holdings Limited u Winex Limited li permezz tieghu l-impjegati kollha li kellha Windsor Holdings Limited gew trasferiti lil Winex Limited. Dan il-ftehim Raymond Vassallo mhux talli kien jaf bih, talli kien sar fiz-zmien meta hu stess kien direttur fiz-zewg socjetajiet, u sahansitra kien jiffirma ic-cekkijiet tas-sinjura Parlato Trigona fil-kwalita` tieghu ta` direttur. Ghalhekk jekk stess kien hemm xi irregolarita`, u dana mhux qed jigi ammess, f`din is-sitwazzjoni r-rikorrenti Raymond Vassallo kien direttament partecipi fiha u responsabbli ghaliha;*

*4.6 Is-socjeta` Winex Limited ma tikri l-ebda ufficju ghax lanqas biss ghandha ufficju taghha. Anthony Parlato Trigona jigi rimborsat l-ispejjez li jinkorri ghal xoghol li huwa jaghmel mir-rizorsi tieghu u mill-kumpannija tieghu ghas-socjeta` Winex Limited. Dan ix-xoghol qed isir minn go ufficju li hu mikri lis-socjeta` ta` Anthony Parlato Trigona (TPT Limited) u mhux lil Winex Limited;*

*4.7 Dan l-arrangament (u cioe li Anthony Parlato Trigona jigi rimborsat l-ispejjez) sar skond il-ligi b`decizjoni tal-Bord ta` Winex Limited mehuda fis-7 ta` Jannar 2008. Ta` min isemmi wkoll li din id-decizjoni kien ivvota favuriha l-istess rikorrenti Raymond Vassallo filwaqt li l-esponenti*

*William Carbonaro kien ivvota kontra. Dan ikompli juri kemm ir-rikorrenti qed imexxu din l-azzjoni fuq allegazzjonijiet assolutament inveritieri;*

*4.8 Ghandu jinghad ukoll li Anthony Parlato Trigona fil-fatt telaq mill-lok fejn kien jahdem qabel April tal-2008 u WCO Limited issa kriet dak il-fond lil terzi.*

*4.9 Kuntrarjament ghal dak allegat f`paragrafu 3(c) tar-rikors promotur, it-tnehhija ta` Raymond Vassallo minn Direttur saret skond il-ligi kif dokumentat anke fil-minuti tal-General Meeting tas-socjeta` tad-9 ta` Gunju 2009. Fil-fatt ir-rikorrenti Raymond Vassallo diga` gab zewg azzjonijiet ohra quddiem il-Qrati rigward dan u tilifhom it-tnejn. Issa qed ikompli jinsisti u jipprova b`din l-azzjoni odjerna;*

*4.10 Minbarra li t-tnehhija tieghu minn direttur saret skond il-procedura kontemplata fl-Artikolu 140 tal-"Companies Act", ir-ragunijiet tat-tnehhija kienu validi hekk kif jidher mill-minuti tal-General Meeting tad-9 ta` Gunju 2009. Raymond Vassallo bhala direttur kien ta` pregudizzju ghas-socjeta` u dana peress illi ma kienx jottempera ruhu mar-risoluzzjonijiet tal-Bord kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors.*

*4.11 Ghar-rigward tal-paragrafu 3(d) tar-rikors promotur, fi;waqt li huwa minnu li s-socjeta` wehlet multi ghal-"late filing", "inter alia" "accounts" dan kien principalment dovut minhabba n-nuqqas tal-istess rikorrenti Raymond Vassallo li jiffirmhom;*

*4.12 Fil-15 ta` Mejju 2009, il-Bord tad-Diretturi ddecieda li `as in the past, Regent Holdings would in future continue to distribute dividends from those distributed by Winex Holdings, but after deducting an allowance for estimated yearly expenses. This was agreed to by the Board, with Mr.Vassallo abstaining` [Ara item 3 tad-dokument immarkat `Dok C3`]. Meta tqassam id-dividend ta` Winex Limited lill-membri fl-10 ta` Gunju 2009, ir-rikorrenti Raymond Vassallo kien diga` tnehha minn direttur (huwa kein tnehha fid-9 ta` Gunju 2009), izda l-Bord tas-socjeta` intimata xorta qassam interim dividend skond id-decizjoni li fiha Raymond Vassallo kien partecipi. Ghalhekk mhux minnu li Raymond Vassallo ma kienx involut jew ikkonsultat izda hu kien prezenti fil-laqgha meta ttiehdet id-decizjoni u ghalhekk kien ben konsapevoli ta` x`kien ghaddej;*

*4.13 Kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, mhux il-kaz li hemm xi deadlock jew xi highjacking fit-tmexxija tas-socjeta`. Anke mill-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta` prezentati mar-rikors promotur, huwa manifestament car li l-iskopijiet li ghalihom twaqqfet is-socjeta` intimata bl-ebda mod m`huma milhuqa jew ezawriti kif jallegaw ir-rikorrenti;*

*4.14 Il-fatt li r-rikorrenti jsemmu l-ispejjez tas-socjeta` bhala xi tip ta` malgestjoni jkompli juri kemm m`ghandhomx ma` xiex jaqbdu ghax l-ispejjez tas-socjeta` intimata huma zghar hafna meta tqies l-iskop ta` holding company, jigifieri, socjeta` li jkollha partecipazzjoni f`socjetajiet ohra.*

*4.15 Ghandu jinghad ukoll li t-talba tar-rikorrenti li jittiehdu provedimenti provizorji biex is-socjeta` intimata ma tinkorri l`ebda spejjez minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti hija intenzjonata biss sabiex tivvessa u xxekkel ix-xoghol amministrattiv tas-socjeta`. Ma jezistu l-ebda ragunijiet (tant li r-rikorrenti ma jsemmu l-ebda ragunijiet) sabiex tiggustifika tali talba. In oltre l-ordni mitluba effettivament tista` tkisser lill-kumpannija qabel ma tkun inqghatet din il-kawza hekk kif jixtiequ r-rikorrenti, peress li ma tkunx tista` tahdem bil-pratticita` necessarja f`kull socjeta` biex in-negozju jibqa` ghaddej fl-interess tal-membri kollha;*

*4.16 Ma jezistu l-ebda ragunijiet li jistghu jiggustifikaw rimedju taht l-Artikolu 402 tal-Kap.386, kif ser jirrizulta ahjar fil-mori tal-kawza;*

*5. Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-risposta.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati l-ohra flimkien fl-<u>14 ta` Settembru 2009</u> li taqra hekk :–

*1. Illi l-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

*Il-fatti wara dawn il-proceduri huma s-segwenti:*

A. *Tnehhija tar-rikorrent Raymond Vassallo minn direttur ta` Regent Holdings Limited*

*Il-lanjanza ewlenija tar-rikorrenti Vassallo fir-rikors promotur hija dik imsemmija darbtejn fil-punt 3(a) u (c) ossija t-tnehhija tieghu minn direttur tas-socjeta` Regent Holdings Limited.*

*B`disprezz assolut lejn l-awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrent jerga` jipprova jressaq argument li kien ressaq permezz ta` zewg rikorsi ravvicinati aktar kmieni din is-sena sabiex il-Qorti twaqqaf it-tnehhija tieghu minn direttur tas-socjeta` in kwistjoni in kwantu skond hu dik it-tnehhija kienet abbusiva u tikkostitwixxi pregudizzju ghad-drittijiet tieghu, liema rikorsi l-Qorti naturalment cahdet bl-ispejjez kontra l-istess Vassallo;*

*Ghall-ekonomija tal-atti qed jigu allegati ma` din ir-risposta kopji fotostatici tal-processi shah in kwistjoni li qed jigu inkorporati in toto f`din ir-risposta (Dok RHL1 u RHL2).*

*L-esponenti izda jmorru oltre minn dak diga` msemmi u sanzjonat minn din l-istess Qorti u jesponu dan li gej:*

*Bl-aktar mod car u kategoriku jrid jinghad ghal darb`ohra li m`huwiex minnu li l-affarijiet tal-kumpannija qed jitmexxew b`mod li jista` vagament jitqies bhala oppressiv tal-minoranza jew fl-interess ta` xi whud a skapitu tal-interess kollettiv jew tal-interess individwali tar-rikorrent Vassallo. Dawn huma purament invenzjonijiet tar-rikorrent illi issa sfortunatament ghall-kumpannija (li ser tkun rinfacjata bi spejjez bla bzonn), sabu ruhhom kontenuti f`atti gudizzjarji.*

*Il-Perit Vassallo huwa azzjonist minoritarju. In kwantu tali jgawdi protezzjoni shiha kemm tal-istatut tal-kumpannija kif ukoll tal-ligi illi tikkawtela bl-aktar mod ezawrjenti d-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji. Jibqa` l-fatt izda li azzjonist minoritarju jibqa` azzjonist minoritarju u kull azzjoni li tiehu l-kumpannija fit-tmexxija taghha ta` kuljum jekk ma jkunx qabel maghhha l-azzjonist minoritarju mhux bil-fors ghandha awtomatikament titqies bhala oppressjoni tal-minoranza jew xi tentattiv oskur li l-interessi tal-azzjonist minoritarju jigu kalpestati kif mill-ewwel*

*jallega ghal darb`ohra r-rikorrent fl-illazzjonijiet tieghu. Li l-Perit Vassallo jigi outvoted fuq certi materji huwa semplicement rifless perfett tal-kwota azzjonarja tieghu la aktar u lanqas inqas.*

*Dak li jrid verament Vassallo izda huwa kontroll assolut tal-kumpannija minkejja li l-kwota azzjonarja tieghu ma tippermettiehx. B`abbuz flagranti tal-proceduri gudizzjarji, fejn ma jasalx fl-organi kompetenti ossija l Bord tad-Diretturi u l-laqgha generali tal-membri ghaliex ghandu vot minoritarju, qieghed kull ftit tax-xhur jirrikorri quddiem il-Qrati sabiex permezz ta` rikorsi u rimedji kawtelatorji jipprova jakkwista aktar poter mis-sahha legittimament kontenuta fl-ishma tieghu skond l-istatut tal-kumpannija. Jew tghaddi tal-Perit Vassallo jew jigi stultifikat kollox quddiem il-Qorti u dan huwa agir li din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkundanna bl-aktar mod b`sahhtu.*

*Ta` min jghid ukoll, ghalkemm dan diga` gie sottomess quddiem din l-Onorabbli Qorti fi proceduri separati, ghalfejn fl-ewwel lok kienet tressqet il-mozzjoni, debitament approvata, tat-tnehhija ta` Raymond Vassallo. L-esponenti ma ghandhom l-ebda riserva li jidhlu fil-mertu dwar dan. U dan anke a beneficcju ta` din il-Qorti ghaliex konvenjentement il-Perit Vasssallo dejjem jallega quddiem Qrati differenti li tnehha minn direttur u li t-tnehhija tieghu tikkostitwixxi fiha nfisha oppressjoni tad-drittijiet minghajr qatt ma kellu d-decenza jispjega ghaliex l-esponenti Anthony Parlato Trigona, Edward Micallef kif ukoll William Carbonaro gew kostretti jressqu dik il-mozzjoni wara erbghin sena ta` hbiberija intima, parentela stretta (Parlato Trigona) u negozju ta` success ma` Vassallo.*

*Dik il-mozzjoni effettivament tressqet ghaliex tul ix-xhur ta` qabel bl-agir irresponsabbli u negligenti tieghu, Vassallo prrova f`diversi drabi jimmina l-interessi tas-socjeta` esponenti, u jattakka l-integrita` tal-esponenti l-ohra billi fost l-ohrajn unilateralment u abbusivament waqaf jiffirma cekkijiet tal-kumpannija li kienu intizi biex ihallsu terzi persuni ghad-dannu tal-kumpannija ghamel allegazzjonijiet kompletament infondati u vvintati minnu fosthom mal-bank, mal-kredituri, mal-azzjonisti u sahansitra b`ittri personali lil zwieg l-azzjonisti fosthom l-esponenti Ingrid Parlato Trigona mimlija kalunnji kontra zwieghom. Apparti minn hekk, l-intransigenza assoluta ta` Vassallo li baqa` jinsisti fuq kwistjonijiet ivvintati u frott l-immaginazzjoni ta` mohhu fosthom il-famuz <<kunflitt ta` interess>> minkejja provi carissimi bil-kontra wasslet ghal sitwazzjoni fejn il-Bord tad-Diretturi ma setax aktar effettivament jadempixxi l-kompiti tieghu.*

*Din il-Qorti diversament ippreseduta diga` sabet din ir-rizoluzzjoni bhala valida u li ma tikkostitwixxi l-ebda agir oppressiv fuq il-minoranza azzjonarja.*

*B.* *<u>Kunflitt ta` Interess</u>*

*Il-kwistjoni ta` dan l-allegat <<kunflitt ta` interess>> li qatt u fl-ebda waqt ma gie definit ezattament xi jfisser, fejn twettaq u kif batiet il-kumpannija minnu, hija r-raguni vagissima u catch all li ilu issa juza Vassallo ghal numru ta` xhur. Fir-rikors promotur isemmi wkoll certi istanzi partikolari biex minghalih jiggustifika <<kunflitt ta` interess>>:*

- *<u>Paga ta` Ingrid Parlato Trigona</u>*

*Ezattament xi jrid jipprova r-rikorrent billi jirrileva li Ingrid Parlato Trigona (mart Anthony) tidher fuq il-payroll tal-kumpannija mhux maghruf. Dan ghaliex wiehed irid jara xi ftehim sar bejn id-diretturi, ghaliex sar hekk, jekk kienx hemm qbil dwar dan u jekk ma kienx hemm kif gie muri d-dissens minn Vassallo. Jekk issir tali analizi mill-ewwel wiehed jinduna li dan l-impjieg kien rizultat ta` ftehim bejn is-socjetajiet Windsor Holdings Limited u Winex Limited dwar it-trasferiment tal-impjegati.*

*F`dan l-istadju, bizzejjed li wiehed jghid bl-aktar mod car li Raymond Vassallo kien addirittura favur dan il-fatt u kif ser johrog fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors kien hu stess li kien jiffirma c-cekkijiet lanjanti lill-imsemmija Parlato Trigona. Li llum qed jadduci dan il-fatt li sehh snin ilu bl-approvazzjoni tieghu, bil-firma tieghu u fid-dawl tax-xemx bhala wiehed mill-fatturi li jibnu dan il-famuz `kunflitt ta` interess` huwa semplicement inkredibbli u ma huwa xejn ghajr attentat frivolu u fqir sabix minghalih jipprova jibni kaz kontra l-esponenti;*

- *<u>Konsulat tat-Tajlandja u negozju ta` Carbonaro u Parlato Trigona</u>*

*Din ukoll hija wahda minn dawk ir-ragunijiet kompletament frivoli u bla l-ebda ness logiku li jressaq kull tant u tant Vassallo fit-tentattiv tieghu li jipprova xi forma ta` kunflitt ta` interess. Fl-ewwel lok ta` min jghid bl-aktar mod car li jaghmel x`jaghmel, jahdem x`jahdem u jinnegozja kemm jinnegozja fil-vesti tieghu personali kull direttur jew azzjonist tal-kumpannija mhux*

*affari tar-rikorrent Vassallo sakemm dan ma jkunx qed jarreka dannu lill-kumpannija Reget Holdings Limited.*

*Fit-tieni lok izda, u kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, mhux talli qatt u fl-ebda cirkostanza l-esponent Parlato Trigona kif ukoll William Carbonaro ma mexxew l-ebda forma ta` negozju kontra l-interessi tal-kumpannija izda talli l-inkonsistenzi u tahwid ta` Vassallo fuq dan il-punt qeghdin kull ma jmur isiru aktar evidenti. F`dan ir-rikors per ezempju qed jaghti x`jifhem illi huwa kien kontra l-ezistenza tal-Konsolat tat-Tajlandja mmexxi minn Carbonaro mentri f`korrispondenza precedenti huwa addirittura talab kumpens ghall-hin li kien iddedika jiddiriegi l-klijenti tal-Konsolat jew jigbor il-vizi tat-Tajlandja.*

*Fi kwalunkwe kaz, Vassallo izda tipikament jitfa` allegazzjonijiet vagi u minghajr l-ebda referenza ghall-ligi applikabbli. M`hijiex l-ezistenza tal-operat tal-Konsolat tat-Tajlandja mill-post li trid tigi ppruvata izda li dan l-operat kellu effett hazin fuq il-kumpannija Regent Holdings Limited. Haga li qatt ma pprova u li ma jistax jipprova ghal raguni semplici-ghax qatt ma ezista tali pregudizzju ghall-kumpannija.*

- *Kirjiet u salarju*

*L-allegazzjonijiet dwar il-kirjiet imsemmija fir-rikors promotur hija mbaghad mizghuda bi zbalji fattwali. Dan ghaliex Winex ma tikri l-ebda kamra u l-ebda ufficju u l-esponent Parlato Trigona jiehu kumpens tal-ispejjez maghmula minnu ezattament kif miftiehem mill-bord tad-Diretturi. Mhux talli hekk izda talli Raymond Vassallo kien il-persuna l-aktar favur dan l-arrangament mal-esponent Parlato Trigona u kien biss l-intimat William Carbonaro li vvota kontra tali pakkett.*

*L-esponent Anthony Parlato Trigona jiddikjara wkoll li anke dwar l-okkupazzjoni tal-fond, Vassallo huwa fattwalment skorrett. Huwa vvaka l-lok in kwistjoni ferm qabel ma gie intavolat ir-rikors odjern ossija f`April 2008.*

- *Traskuragni u multi*

*Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-konstatazzjoni fattwali li l-kumpannija intimata (u skond il-ligi d-diretturi) sofrew multi mill-Malta Financial Services Authority (MFSA). Hemm kontestazzjoni totali izda dwar*

*il-fatt illi issa, konvenjentement Vassallo qieghed jipprova permezz ta` protesti, mandat, ittri, kawzi u kull forma ta` procedura immaginabbli jiddistakka ruhhu mir-responsabbilta` ghal dawk il-multi bhal li kieku ma kienx direttur huwa stess daqs l-ohrajn fiz-zmien meta gew inkorsi tali multi.*

*Tul l-inkarigu tieghu stess sad-data tat-tnehhija tieghu minn direttur, il-Perit Vassallo la qatt ma kien aktar jew anqas diligenti mill-esponenti odjerni, la qatt ma kellu aktar jew anqas responsabbilta` ghall-gestjoni tas-socjeta` Regent Holdings Limited u sa fejn jafu sa llum l-esponenti, huwa agixxa ezattament bl-istess mod tal-esponenti diretturi l-ohrajn kollha;*

*Illi t-talba tal-Perit Vassallo m`hu xejn ghajr attentat frivolu u fabbrikat biex juri illi b`xi mod huwa kien id-direttur diligenti mentri d-diretturi l-ohrajn esponenti kienu negligenti jew addirittura abbusivi fil-gestjoni tas-socjeta` u kwindi jipprova jelimina r-responsabbilta` personali tieghu qua direttur ghall-obbligi tal-kumpannija, haga li l-esponenti odjerni kollha jichdu bl-aktar mod qawwi*

*- <u>Tqassim ta` Dividend</u>*

*L-esponenti umilment jissottomettu li anke l-allegazzjoni dwar it-tqassim ta` dividend minghajr ma r-rikorrent Vassallo qatt ma gie konsultat hija fabbrikazzjoni totali li tista` f`kull hin tigi kontraddetta mix-xhieda guramentata tan-nies prezenti ghall-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tal-15 ta` Mejju 2009 li fiha ttiehdet id-decizjoni dwar id-distribuzzjoni ta` dividend li fiha Vassallo kien astjena. Issa huwa mill-aktar ovvju li jekk tkun prezenti f`laqgha tal-Bord tad-Diretturi bhala direttur u tastjeni minn vot dwar distribuzzjoni ta` dividend m`hiex l-istess haga bhal li tallega li d-decizjoni tkun ittiehdet "minghajr ebda involviment jew konsultazzjoni mill-esponent" li hija dikjarazzjoni kompletament zleali mal-esponenti u ma` din l-Onorabbli Qorti;*

*Dan kien vot legittimu u ezercizzju legittimu tal-poteri tal-Bord tad-Diretturi.*

*Fl-ahhar nett izda lil hinn mill-mertu ta` kull allegazzjoni ndirizzata hawn fuq u li tista` tigi ndirizzata fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, ta` min jghid illi r-rimedju tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 u l-proceduri gudizzjarji m`humiex intizi sabiex jittrattaw kwistjonijiet frivoli u b`dan il-mod daqstant legger bhall-allegazzjonijiet imressqa minn Vassallo fir-rikors odjern. Ir-*

*rimedju tal-Art 402 huwa wiehed mir-rimedji l-aktar serji moghtija mill-ligi lill-azzjonisti minoritarji sabiex jipprotegu l-valur azzjonarju taghhom kontra l-agir illegali u abbusiv mid-diretturi u rikors taht dan l-artikolu mhux intiz sabiex jittiehed sabiex jopprimi lill-azzjonisti l-ohrajn jew jipprova jisfurzahom jaslu fejn iridhom jaslu r-rikorrent. L-esponenti umilment jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti ghandha ticcensura minghajr esitazzjoni dan l-atteggjament abbusiv u illegali tar-rikorrenti.*

*C.* *<u>Skopijiet ghat-twaqqif tal-Kumpannija</u>*

*Fir-rikors promotur, ir-rikorrent Vasssallo jallega li ma fadalx raguni ghall-ezistenza tas-socjeta` Regent Holdings Limited in kwantu l-progett li ghalih twaqqfet issa tlesta u kwindi gie ezawrit l-oggett tal-kumpannija. Apparti l-fatt illi m`huwiex car x`relevanza jista` jkollu dan mar-rimedju mitlub, l-aqwa prova li tikkontradici dak allegat minn Vassallo huwa l-istatut tal-kumpannija esebit mill-istess Vassallo fejn imkien ma jirrizulta li l-oggett gie ezawrit jew li ma fadal ebda raguni ghall-ezistenza ta` Regent Holdings Limited.*

*D.* *<u>Rimedju mitlub</u>*

*L-esponenti jirreferu ghat-talba tar-rikorrent sabiex is-socjeta` Regent Holdings Limited titwaqqaf milli tinkorri spejjez minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.*

*B`din it-talba tohrog fil-berah (jekk qatt kien ghad hemm bzonn) l-intenzjoni reali ta` Vassallo. Dan ir-rimedju huwa kompletament distakkat mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 u huwa intiz sabiex jaghti daqqa possibilment mortali lill-kumpannija ghad-detriment ta` kulhadd illi tigi allura reza fi stat fejn la tista` topera, thallas, tinnegozja u tmexxi fuq bazi ta` kuljum.*

*L-esponenti umilment jissottomettu li r-ragunijiet imqansha u immaginarji migjuba taht il-premessa tar-rimedju tal-Art. 402 huma biss faccata sabiex il-Qorti taghti dan it-tieni rimedju mitlub u b`hekk fejn ma tkunx waslet biex tkisser il-kumpannija s-sahha tal-kwota azzjonarja ta` Vassallo tkun waslet il-Qorti permezz ta` dan ir-rimedju mitlub fuq premessi kompletament zbaljati.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra l-istess rikorrenti.*

*B`riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta` esponenti Regent Holdings Limited kontra r-rikorrent Vassallo.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-risposta.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Osservazzjonijiet tal-bidu</u>

Qabel ma tqis l-ilmenti tar-rikorrenti fil-prosediment tal-lum, il-Qorti tghid mill-bidu nett illi t-talba li qeghdin jaghmlu r-rikorrenti ghal rimedju skont l-Art 402 tal-Kap 386 huwa fir-rigward tal-kumpannija Regent Holdings Limited. Ilmenti ohra li ghamlu r-rikorrenti dwar socjetajiet ohra (li mhumiex Regent Holdings Limited) mhux se jinghataw konsiderazzjoni. Mhuwiex argument – ghall-fini tax-xorta ta` azzjoni li giet promossa – meta jinghad illi ghax is-socjeta` in kwistjoni ghandha biss attiv taghha kostitwit mill-51% tal-ishma tas-socjeta` Winex Holdings Limited, allura dak li jista` jippregudika lil Winex Holdings Limited, jippregudika anke lilha indirettament. Ir-rikors odjern sar fil-konfront ta` l-intimata Regent Holdings Limited u fil-konfront ta` l-intimati l-ohra bhala azzjonisti diretti ; ghalhekk il-prova tal-ilmenti trid issir dwar fatti u cirkostanzi li jikkoncernaw Regent Holdings Limited.

Punt iehor li l-Qorti sejra tittratta fil-bidu hija l-posizzjoni processwali ta` r-rikorrenti Mariella Vassallo.

Qeghda tittratta dan il-punt ghaliex, fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, l-intimati konjugi Carbonaro ghamlu l-argument illi r-rikorrenti Mariella Vassallo ghandha tibqa` barra mill-procediment peress li ma jirrizultax li hija azzjonista u allura membru ta` Regent Holdings Limited ; ghalhekk ma tistax tippromwovi l-azzjoni tal-lum ma` zewgha r-rikorrent Perit Raymond Vassallo.

Il-posizzjoni tal-intimati Carbonaro mhijiex kondiviza minn din il-Qorti.

Taghmel riferenza ghall-provvediment li tat fid-29 ta` Settembru 2016 fil-kawza "**<u>Daniela Galea Souchet vs Cleland & Souchet Limited et</u>**" u testendi *mutatis mutandis* l-insenjamenti li hargu minn dan il-pronunzjament ghall-kaz taht ezami. Ghar-ragunijiet kollha li huma l-qofol tal-provvediment, il-Qorti qeghda tirrespingi l-argument tal-intimati konjugi Carbonaro billi tiddikjara li r-rikorrenti Mariella Vassallo ghandha *locus standi* biex tmexxi bl-azzjoni odjerna flimkien ma` zewgha.

**III. <u>Provi dwar il-mertu ta` l-ilmenti</u>**

**<u>Ir-rikorrent</u>** xehed illi huwa safa vittma ta` oppressjoni bhala azzjonista ta` minoranza, kif ukoll vittma ta` pregudizzju ngust tant li qed jitlob ix-xoljiment ta` Regent Holdings Limited ("**<u>Regent</u>**").

Xehed illi apparti hu, l-azzjonisti l-ohra huma l-Perit William Carbonaro ("**<u>Carbonaro</u>**"), il-Perit Edward Micallef ("**<u>Micallef</u>**") u Anthony Parlato Trigona ("**<u>Parlato</u>**"). Huma wkoll id-diretturi u kienu appuntati meta kienet kostitwita l-kumpannija. Regent hija strutturata b`mod illi l-ishma u l-kontroll jinsab diviz indaqs bejn l-erba` persuni li semma. Kull wiehed mill-erbgha kien silef €120,000 lil Regent sabiex din akkwistat sehem fil-kumpannija Winex Holdings Limited ("**<u>Winex</u>**"). Skont l-artikoli 16 u 18 ta` l-*articles of association*, sabiex tghaddi mozzjoni, irid ikun hemm 80% ta` voti favur. Hemm ukoll klawsola ohra li tghid illi ghal *quorum* irid ikun hemm il-membri kollha prezenti ; dan ighodd kemm ghall-*general meetings* kif ukoll ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi. Anke biex johrog cheque, ried ikun hemm il-firem tad-diretturi kollha. Regent hija l-*parent company* ta` Winex tant li Regebnt ghandha 51% tal-ishma ta` Winex.

Kompla jghid illi Winex ghandha attiv ta` madwar Lm10 miljun. L-attiv ta` Regent huma biss l-ishma li ghandha ta` Winex.

Xehed illi hu, Micallef u Carbonaro kienu jahdmu flimkien l-Gharabja Sawdija. Meta t-tlieta gew lura Malta, huwa stieden lit-tnejn l-ohra fl-ufficcju tieghu u introduciehom ma` progetti ta` certa entita` bla talabhom *introductory fees.* Fil-fatt flimkien hadu hsieb il-progett tal-Lukanda Excelsior ; wara xtraw bicca art go Tigne` u bnewha. Regent kienet kostitwita sabiex takkwista l-51% tal-ishma ta` Winex u taghmel tajjeb ghall-mizati li kellhom jiehdu. Fil-fatt is-sehem taghhom thallas *in kind* bis-servizz li huma pprestaw. Winex taghmel dhul mill-progett ta` Tigne`, imbaghad tqassam id-dividends kull sena bejn l-azzjonijisti taghha fosthom Regent. Qal illi kienu ghamlu skema sabiex isibu finanzjament minghand id-*dormant shareholders* u kien involva lil zewg hutu subien.

Qal illi Regent u Winex garrbu serje ta` abbuzi u danni.

Stqarr illi kien hemm abbuzi, frott ta` konflitt ta` interess li huwa pprova jwaqqaf. Is-sitwazzjoni waslet fil-fond taghha fl-2007/2008 meta huwa hadha kontra l-konflitt ta` interes, u l-azzjonisti l-ohra daru kontra tieghu. Kien hemm okkazjoni minnhom fejn l-azzjonisti l-ohra ta` Regent marru hadu d-dividends direttament mill-bank, minghajr ma saret rizoluzzjoni fil-bord tad-diretturi. Kien hemm zmien fejn tnehhew il-*viewing rights* tieghu ta` l-*accounts*. In segwitu tnehha minn direttur ta` Regent u inhatar minflok iben il-Perit Carbonaro. Tnehha wkoll minn direttur ta` Winex. Minn dak iz-zmien `il hawn, baqghu jitqassmu *interim dividends* minghajr ma jsiru *general meetings* sabiex id-*dividends* jigu approvati. Kien sar mandat ta` sekwestru abbuziv kontra tieghu propju lejliet it-tieg ta` bintu. Kienet manuvrata d-data tad-*dividends* sabiex isir sekwestru.

Fisser illi Winex ghandha dhul qawwi ghax tikri ufficcji u hwienet fil-propjeta` taghha li tinsab Tigne Street, Sliema. Il-progett sar fuq pjanta tieghu. Kien hu li ghamel is-supervizjoni tal-bini. Il-familja tieghu nkluz z-zewg hutu subien u bintu ghandhom l-akbar ishma go Winex. Il-familja tieghu kellhom mohhom mistrieh li ghandhom rapprezentanza go Regent billi din tikkontrolla Winex.

Qal illi Parlato jithallas minn Regent u minn Winex biex jaqdi funzjonijiet partikolari. Gara izda li kien qed isir sfruttament b`mod li kien qed isir telf fl-assi.

Stqarr illi tort ta` Parlato, il-kumpanniji kienu wehlu multi mill-MFSA. Fl-2010 l-awditur Andrew Galea kien ippropona illi dak li kien qed jissejjah *interim dividend* jigi dikjarat bhala *final dividend*, izda meta kienet ser tittiehed decizjoni dwar dan, Carbonaro kien nehha dak l-*item* mill-agenda. Wara dik il-laqgha, ma saritx ohra.

Sostna illi Parlato kien ilu jircievi avvizi dwar il-multi mill-MFSA izda qatt ma avza lill-kumpanniji koncernati. Kien inkwetat hafna ghaliex irrizulta li kien hemm *mismanagement* kbir fil-kumpanniji li kien qed jikkaguna telf patrimonjali. Huwa ma riedx illi jibqa` jiehu hsieb Parlato izda l-ohrajn ma accettawx.

Qal illi d-*dividends* li bdew jitqassmu bdew jissejhu kollha *interim dividends* sabiex ma jkunx hemm bzonn jissejjah *general meeting.* L-unika darba li *dividend* ma nharigx fid-data meta kien solitament jinhareg kien fiz-zmien qrib it-tieg ta` bintu fejn imbaghad lejliet it-tieg, spicca kolpit b`mandat ta` sekwestru fuq dak l-istess *dividend.* Meta ra li ma setax jistharreg izjed il-kontijiet bankarji, u ma setax jippartecipa fid-decizjonijiet ghamel kawza biex jiehu lura s-*shareholders` loan* tieghu lil Regent fl-ammont ta` €120,000. Id-diretturi ta` Regent irregistraw ammissjoni tal-kawza, ghamlu depozitu ta` l-€120,000 fil-qorti, u wara ghamlu sekwestru fuq dak l-ammont ghaliex qalu li bil-kawza li ghamel kienu kkagunati danni ta` madwar €100,000. Insista li kien hemm bizzejjed flus in kontanti biex hu jithallas lura s-self li kien ta lil Regent.

Kompla jghid illi d-diretturi hadu self mill-bank fl-isem ta` Regent sabiex anke huma jithallsu is-self ta` €120,000 kull wiehed li kienu taw lil Regent. Kollox sar ad insaputa tieghu. Fil-kuntratt kien assenjat lill-bank id-dritt li Regent thallas lill-bank id-*dividends* li tircievi minghand Winex.

Kompla jghid illi huh li kellu diversi ishma ta` Winex izda qata` qalbu li jibda jgawdi qligh minnhom. Minkejja illi talab diversi drabi biex jitqassmu *dividends* lill-azzjonisti, kien hemm rezistenza biex dan isir. Huh spicca ried ibiegh l-ishma tieghu u Carbonaro kien offra li jixtrihom ghal prezz li kien ferm inferjuri milli kemm fil-verita` kienu jiswew. Ghalhekk huh irrifjuta li jbiegh. Carbonaro kien hsiebu biss biex jara x`jista` jiggwadanja ghalih.

Ipprezenta diversi dokumenti li skont hu jikkostitwixxu prova tal-ilmenti tieghu, fosthom li kien jithallas *dividend* minghajr ma jkun

approvat, li l-item *consideration of dividends* tnehhiet mill-agenda b`mod arbitrarju, li l-multi kienu jammontaw ghal €5,684.

**Leonard Vassallo** – hu r-rikorrent - xehed illi huwa ghandu 60,000 sehem ta` EUR 2.33–il wiehed fis-socjeta` Winex. Akkwista l-ishma fl-1997 wara li r-rikorrent kien hajjru jaghmel dak l-investiment. Serrah mohhu ghaliex ir-rikorrent kien ser ikun ikun direttur kemm ta` Winex kif ukoll ta` Regent li kellha l-ishma ta` maggoranza fis-socjeta` Winex. Huwa kiseb l-oghla numru ta` ishma ta` Winex wara Regent.

Kompla jghid illi fl-2006 huwa kien dizappuntat bl-investiment peress li wara dik is-sena, Winex ma qassmitx *dividends.* Qatt ma ccirkolat *accounts* lill-azzjonisti. Ghalhekk iddecieda li jbiegh l-ishma. Anke l-azzjonisti l-ohra kienu dizappuntati bhalu. Qal illi fl-ewwel nofs tal-2006, cempillu l-Perit Carbonaro sabiex jixtri l-ishma tieghu ghall-prezz ta` Lm120,000, ossija id-doppju ta` kemm kienu nxtraw. Tkellem mar-rikorrent dwar l-offerta, u mill-kalkoli li ghamlu tat-taxxa li kellha tithallas, sabu li l-ammont nett li kien ser jircievi li kieku kellu jekk jaccetta l-offerta kien er ikun ta` anqas minn Lm60,000, li kien l-ammont li kien investa biex akkwista l-ishma. Ghalhekk ma accettax l-offerta ta` Carbonaro.

Stqarr illi ghal Awissu 2006, tqassam l-ewwel *dividend* ta` 11% wara li Carbonaro kien oppona u vvota kontra li jsir tqassim tal-ewwel *dividend.* Qal illi Carbonaro kellu konflitt ta` interess qawwi. Qieghed l-interessi tieghu personali qabel kollox u a skapitu ta` l-azzjonisti l-ohra.

Fisser illi fl-2009, ir-rikorrent twarrab mill-bord tad-diretturi ta` Regent u nhatar minfloku Francis Carbonaro li jigi iben il-Perit Carbonaro. Ghalih dak kien zvilupp inkwetanti.

**Perit William Carbonaro** kkonferma illi l-uniku attiv li ghandha Regent huwa l-51% tal-ishma ta` Winex.

Qal illi Regent ghandha interess tkompli tezisti sabiex jibqa` jkollha *controlling interest* fis-socjeta` Winex.

Fisser illi ghadu mhux iz-zmien li Regent tigi xjolta.

Stqarr illi Regent qatt ma kellha impjegati. Parlato jiehu hsieb l-*accounts* ta` Regent u qatt ma thallas ghal dan ix-xoghol. Parlato huwa impjegat *part-time* ta` Windsor Holdings Limited mhux ta` Regent. Din lanqas ghandha *equipment*. Lanqas infrastruttura m`ghandha. Ghandha biss ufficcju registrat apparti l-investiment ta` Winex.

Qal illi huwa kien ghamel zmien konslu onorarju tat-Tajlandja. Diversi kien jkunu l-persuni li kienu jmorru fl-ufficcju li kien jintuza mit-tliet periti diretturi ta` Regent u minn Parlato sabiex japplikaw ghal visa. L-ufficcju kien wiehed impenjat sew. Kien hemm attivita` ghaddejja l-hin kollu u ghalhekk mhux kaz illi l-presenza ta` persuni li jmorru ghall-visa kien iservi ta` tfixkil partikolari. Kien ikun hemm tliet linji tat-telefon dejjem impenjati. Gieli klijenti tar-rikorrent kienu joqghodu jistennewh fl-ufficcju tieghu sakemm Perit Vassallo jkun qed jaqdi persuni ohra fl-ufficcju tieghu.

Qal li ma kienx minnu li Parlato kien hsiebu biex jaghmel ix-xoghol relatat mal-hrug tal-visas u li b`hekk ittraskura dak li kien jaghmel ghal Regent.x-xoghol rigwardanti Regent Holdings Limited. Kulhadd kien jaf bil-multi. L-*accounts* dejjem saru fil-hin izda imbaghad dawn kienu jmorru ghand l-awditur. Ix-xoghol kien ikun tlest izda imbaghad kienu jdumu m` jigu ffirmati. Ma jafx ghaliex il-*financial statements* kienu jigu prezentati tard ; certament pero` dan ma kienx imputabbli minhabba x-xoghol tal-konsolat tat-Tajlandja.

Stqarr illi r-rikorrent qabad u ddecieda li jrid jaghlaq lil Regent. Fis-6 ta` Frar 2009, baghat dikjarazzjoni lill-azzjonisti ta` Winex fejn sostna li huwa kien ser jaghmel minn kollox biex jaghlaq Regent. F`Marzu 2009, irrizenja minn segretarju ta` Regent, u ma baqax jattendi ghal-laqghat ta` Regent. Meta kien jigi avzat biex jattendi, ma kienx jattendi jew jibda jaghmel hafna kunidzzjonijiet li kienu inaccettabbli. Kien propost li jithallsu l-multi izda Vassallo rrifjuta li kellha tkun Regent li thallashom. L-imgieba tar-rikorrent wasslet biex fid-9 ta` Gunju 2009 tnehha minn direttur minhabba t-tfixkil li kien qed jaghmel.

Qal illi r-rikorrent ta struzzjonijiet sabiex il-bank ma jonorax cheques. Ried jintghazel *casual director* ; kienu proposti ibnu, iben il-Perit Micallef u iben Parlato. Bix-xorti tela` ibni. Cahad illi kien hemm xi irregolarita` kif inhareg id-*dividend*. Fil-fatt id-dividend kien approvat, u r-rikorrent ha d-dividend tieghu fl-10 ta` Gunju 2009. Il-*viewing rights* tnehhew fil-bidu ta` Awissu mhux qabel. Fil-fatt Vassallo baghat ittra fid-9 ta` Awissu 2009 fejn qal illi l-gimgha ta` qabel kienu tnehhewlu l-*viewing rights*. Fid-data tal-prezentata ta` din il-kawza, Perit Vassallo kien ghad kellu *viewing rights*.

Stqarr illi jekk Winex tibqa` soda u stabbli, ma hemmx raguni ghalfejn Regent ghandha tieqaf mill-operat taghha.

Huwa cahad illi l-impieg ta` Ingrid Parlato Trigona kien jimporta ghaliex kienet impjegata ma` Windsor Holdings Limited fuq bazi *part time.* Qatt ma kienet tahdem ma` Regent.

Huwa spjega li l-post fejn persuni kienu qeghdin japplikaw ghal visas kien minn ufficju tieghu u tal-periti l-ohra li kien mikri minghand Windsor Holdings Limited. L-ufficcju registrat ta` Regent kien indirizz iehor. L-ipprocessar tal-applikazzjonijiet ghal visas kien isir minnu jew minn Parlato pero` waqt hinijiet ohra. Wara li jitlesta l-ipprocessar, il-persuna koncernata kienet tmur tigbor il-passaport. Fi hmistax-il sena huwa ghamel madwar erbatax jew hmistax–il visa fil-gimgha ; nofshom hu u n-nofs l-iehor Parlato. Il-queques ta` cittadini Libjani ghal visas kien fi zmien qabel l-2001. Wara dik is-sena ma baqghux jinhargu visas lil cittadini Libjani. L-ipprocessar taghhom kien jiehu ftit tal-hin ; siegha fil-gimgha. Vassallo kien jaf li Parlato kien involut fix-xoghol tal-konsolat tat-Tajlandja.

Dwar *viewing rights* xehed illi fil-kaz ta` Regent hadd ma kellu *viewing rights.* Dawk kienu relatati ma` Winex.

Dwar il-hlas tad-*dividend* ippreciza illi fil-15 ta` Mejju 2009, meta Vassallo kien ghadu direttur, ittiehdet decizjoni li johrog *dividend.* Imbaghad fid-9 ta` Gunju 2009, Vassallo tnehha minn direttur. L-ghada li nhatar il-*casual director,* hareg id-*dividend.* Il-flus ingabru *cash* peress li l-bank kien ghadu minghalih li kienet rikjesta l-firma ta` Vassallo. Id-*dividend* inqasam bejn l-azzjonisti - inkluz ir-rikorrent.

Dwar l-ishma ta` Leonard Vassallo, xehed illi dik il-materja kienet tinvolvi lil Winex. Meta kellem lil Leonard Vassallo, Winex ma kellhiex flus il-bank u ghalhekk ma setax jitqassam *dividend.* Huwa ma kienx favur li jinhargu *dividends* lill-azzjonisti ta` Winex peress li huwa ried li l-ewwel jithallsu l-arretrati tat-taxxi kif ukoll is-self bankarju li kien hemm pendenti qabel isir il-hlas ta` *dividend.* It-tlieta l-ohra vvotaw favur id-*dividends* u fil-fatt thallas.

Cahad illi Vassallo tnehha minn direttur ta` Winex sabiex jakkwista l-kontroll tal-Bord.

**Anthony Parlato Trigona** xehed li huwa ghandu 25% tal-ishma ta` Regent u direttur taghha. Ghamel diversi progetti mar-rikorrent (li jigi kugin tieghu) kif ukoll mal-intimati Carbonaro u Micallef. Cahad l-allegazzjonijiet kollha li ghamel ir-rikorrent fil-konfront tieghu.

Qal illi ghalkemm mhuwiex perit, huwa ta l-kontribut tieghu ffil-fazi tal-kostruzzjoni tal-progetti.. Kien jaghmel spezzjonijiet fuq is-sit b`mod regolari, u jikkoordina l-haddiema. Huwa kellu responsabilita` ewlenija fit-tmexxija ta` Winex, inkluz li jara li l-ufficini u l-garages ikunu kollha mikrija kif ukoll illi jingabru l-flus tal-kirja. Kien jiehu hsieb il-manutensjoni tal-partijiet komuni u li jkun ghad-disposizzjoni tal-klijenti. Inoltre kien izomm il-kotba ta` Regent.

Spjega illi Regent ftit taghmel transazzjonijiet. Tircievi *dividends* minghand Winex li hija l-attiv taghha u tqassamhom bejn l-erba` azzjonisti. Jaghmel ukoll rendikont finanzjarju kull sena. Il-mod kif kienu jahdmu baqa` dejjem l-istess hlief illi wara l-2007 kienu nqasmu proprjetajiet li kienu jappartjenu lil socjeta` ohra - Windsor Holdings Limited – u li fiha ma kienx involut il-Perit Micallef. Spjega li bil-kunsens unanimu ta` l-erba` diretturi ta` Regent, l-impjegati ossija hu u martu ghaddew minn Windsor Holdings Limited ghal Winex.

Stqarr illi huwa qatt ma kien impjegat jew ircieva rimunerazzjoni minghand Regent. Huwa dejjem zamm il-kotba taghha izda ma thallasx ghal dak ix-xoghol. Lanqas ma kien ircieva xi inkarigu formali sabiex jaghmel dan. Huwa kien mghobbi bix-xoghol ghax ix-xoghol dejjem ghamlu stante li kien mehtieg ghal gid tal-kumpanniji. Huwa kien jaghti sighat twal fl-ufficcju u rari kien jiehu granet ta` *vacation leave* jew *sick leave.* Huwa dejjem ta prijorita lil dak li kien ser jirrendi l-aktar dhul lill-kumpanniji. finanzjarju lil kumpanniji. Dak li kellu jithallas fil-multi kien jikkostitwixxi inqas minn 1% tad-dhul globali fuq medda ta` tnax-il sena. Dan huwa negligibbli fid-dawl tal-profitt li ghamlet il-kumpannija anke bil-hidma tieghu.

Qal illi Vassallo kien jaf bil-multi. Il-multi ma akkumulawx tort tieghu. L-erbgha li huma kienu jaf bil-multi sa mill-2000 u gieli tkellmu dwarhom. Ighid illi wara li kien ilesti l-kontijiet, huwa kien jghaddihom lill-awdituri u dawn imbaghad kienu jghadduhom lid-diretturi ghall-approvazzjoni. Dan kien jinvolvi trapass ta` zmien. Huwa kien jinsisti li r-responsabbilita` tal-kontijiet kienet tad-diretturi kollha, li dejjem accettaw li l-multi kienu spejjez li ghandhom jigu assorbiti minn Regent. Ma accettax l-allegazzjoni tar-rikorrent illi huwa traskura minhabba x-xoghol li kien

jaghmel fil-konsolat tat-Tajlandja. Qatt ma kien prekluz milli jaghmel xoghol privat. Hafna mix-xoghol li kien izommu boghod mill-ufficcju kien dak relatat ma` Tigne Place biex jassigura li jitlesta fil-hin. Ix-xoghol tal-konsolat kien jinvolvi ftit minuti ; kemm jiffirma l-applikazzjoni ghall-visa u jittimbra l-passaport.

Spjega illi c-caqlieq ta` l-impjieg tieghu u ta` martu minn Windsor Holdings Limited ghal Winex sar bil-kunsens tar-rikorrent ukoll. Dwar ir-rimunerazzjoni taghhom, kien Carbonaro li ma kienx qabel ma` l-ammont u kien Vassallo li kien imbotta u qabel mar-rimunerazzjoni tieghu. Huwa spjega li lanqas ma seta` kien hemm xi konflitt ta` interess. Regent ma kellhiex ufficcju taghha li kienet tikri. Mnejn kien jopera lanqas ma kien ta` Regent. Huwa cahad li Regent qatt kellha xi infrastruttura li setghet tigi abbuzata. Huwa qatt ma agixxa kontra l-interessi ta` Regent.

**<u>Perit Edward Micallef</u>** - direttur u azzjonista bi 25% tal-ishma ta` Regent – xehed illi Regent hija *holding company* u tikkontrolla Winex li hija s-sid ta` binja bl-isem Tigne Place. Id-*dividends* li tircievi Regent minghand Winex jinqasmu bejn l-erba` azzjonisti. Tramite Regent, huma l-erbgha kienu ser ikollhom il-kontroll ta` l-progett ta` Tigne Place li kien finanzjat ukoll minn terzi li wkoll kellhom ishma fi Winex.

Xehed illi fit-13 ta` Jannar 2009, Vassallo kien kiteb lil BOV sabiex il-bank ma jonorax cheques li fuqhom ma tkunx tidher il-firma tieghu, meta skont l-articles of association setghu jiffirmaw anke zewg firmatarji. Din il-mossa ta` Vassallo tefghu dell fuq il-kumpannija mal-bank.

Qal illi sa minn xhur qabel ghamel din il-kawza, Perit Vassallo kien diga` wera l-intenzjoni tieghu li jaghlaq Regent. Fis-6 ta` Frar 2009, Vassallo ghamel dikjarazzjoni ma` l-azzjonisti ta` Winex fejn qal illi ried jahdem favur ix-xoljiment ta` Regent. Fl-24 ta` Marzu 2009, Vassallo ma bediex jattendi ghal-laqghat ta` Regent u b`hekk beda jimblokka d-decizjonijiet. Qabel, fl-10 ta` Marzu 2009, Vassallo baghat ittra gudizzjarja fejn iddikjara li qed izomm lid-diretturi kollha eskluz lilu nnifsu bhala responsabbli ghal multi li Regent wehlet mal-MFSA.. Fit-3 ta` April 2009, Vassallo rrizenja minn segretarju ta` Regent. Fid-9 ta` Gunju 2009, Vassallo tnehha minn direttur. Fl-10 ta` Gunju 2009, kien dikjarat *dividend* li tqassam bejn l-erba` azzjonisti ta` Regent inkluz Vassallo.

Kompla jghid illi fit-30 ta` Lulju 2009, Vassallo pprezenta din il-kawza flimkien ma` zewg mandati ta` sekwestru : wiehed relatat mal-kawza tal-lum

u l-iehor mal-kawza bin-numru 842/2009. Fil-15 ta` Awissu 2009, Vassallo baghat email lill-azzjonisti ta` Winex b`kontenut kummercjali u konfidenzjali relatat mal-kont tal-bank ta` Winex. Minhabba dak il-kontenut, l-amministratur ta` l-*internet banking* kien qata` l-access li Vassallo kellu ghall-kont ta` Winex.

Stqarr illi meta Vassallo jsemmi *viewing rights*, dawn kienu dritt ta` semplici access u mhux dritt li jsiru transazzjonijiet *online*. Regent qatt ma kellha *internet banking facility* fuq il-kont taghha.

Kompla jghid illi fil-21 ta` Ottubru 2009, l-azzjonisti ta` Winex ma kinux emmnu lil Vassallo u b`mozzjoni tat-12 ta` Novembru 2009, Vassallo tnehha minn direttur. Fis-6 ta` Ottubru 2010, sar l-*annual general meeting* ta` Regent. L-item tal-agenda : *consideration of dividends* : ma tnehhietx b`abbuz minn Carbonaro, izda l-item kienet trattata u l-ebda *dividend* ma kien propost mill-Bord biex jithallas.

Qal illi fit-3 ta` Novembru 2010, Regent irceviet mandat ta` sekwestru ghal EUR 120,000 li pprezenta Vassallo, flimkien ma` talba biex jithallas lura self li kien ghamel lil Regent bhala azzjonista. Dan kollu mblokka l-kont ta` Regent. Fis-7 ta` Dicembru 2010, saret laqgha tal-bord tad-diretturi, wara parir legali, u sabiex ma jkunx hemm diskriminazzjoi kontra t-tliet azzjonisti l-ohra li wkoll kienu silfu l-istess ammont lil Regent, kien deciz illi kellu jithallas is-self kollu lill-erba` azzjonisti u biex seta` jsir dan ittiehed self minn Banif Bank. Fil-fatt, fit-30 ta` Marzu 2011, Banif Bank avvanza self lil Regent ta` EUR 370,000. Il-bord ddecieda wkoll li jaghmel kawza ghad-danni kontra r-rikorrent billi fil-fehma tal-bord is-sejha lura tas-self kienet b`abbuz u motivate minn malafede. Fit-13 ta` April 2011, Regent ghamlet mandat ta` sekwestru kontra Vassallo.

Kompla fisser illi bejn l-erba` azzjonisti ta` Regent qatt ma kien hemm formalita` ta` laqghat dettati minn proceduri rigidi. Parlato kien inkarigat mill-kontijiet ta` Regent bla ma jithallas ta` dan. Ma kien ingust Vassallo li attribwixxa lil Parlato negligenza jew tort fil-kaz tal-accounts. Jekk dokumenti marru l-MFSA tard, Vassallo certament kien negligenti tal-inqas daqs id-diretturi l-ohra. Id-dewmien u multi konsegwenzjali ma kinux tort ta` xi wiehed minnhom partikolari. Spjega li sena minnhom il-kontijiet kienu ilhom lesti ghall-firma tad-diretturi u gew iffirmati u sottomessi tard ghax kienu thallew bi zball go kexxun. Spjega li snin ohra damu biex saru l-kontijiet mentri snin ohra kienu ttraskuraw kollha kemm huma. Vassallo kien ilu jaf bil-multi sa mis-sena 2000.

Sostna li huwa fieragh jinghad li kien hemm abbuz u/jew gew kkagunati danni lil Regent ghaliex Perit Carbonaro kien jokkupa l-kariga ta` konslu tat-Tajlandja. Hadd minnhom l-erbgha ma kienx obbligat jaghmel esklussivament xoghol ghal Winex jew Regent. Il-Perit Vassallo kellu prattika privata ta` perit imqabbda hafna u l-ufficju ien kontnwament mimli bil-klijenti personali tieghu. Ma sar l-ebda abbuz ta` infrastruttura peress li Regent ma kellhiex ufficju, ghamara, kompjuters, jew segretarja.

Cahad illi Regent kienet soggetta ghal konflitt ta` interess favur Carbonaro u Parlato. Dawn qatt ma hadu vantagg favur taghhom a skapitu ta` Regent. Il-kawzi istitwiti mill-Perit Vassallo holqu inkwiet bla bzonn. Huwa fl-interess tal-azzjonisti u tas-socjeta` illi Regent tkompli bl-esistenza taghha.

## IV. <u>L-Art 402 (1) tal-Kap 386</u>

Ir-rikorrenti jfittxu sostenn ghall-ilmenti taghhom fl-Art 402(1) tal-Kap 386 li jaqra hekk :-

*Kull membru ta` kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti [**<u>'PA/GV</u>**] fit-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**<u>Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et</u>**" inghad hekk –

*Illi l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li… (b) jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.*

*Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta` x`inhu oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz*

*b`kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista` tintervjeni f`dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta` pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) **[AE]** fl-4 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Saviour Ellis pro et noe vs Rita Ellis et**" inghad hekk –

*Jibda biex jinghad li dan il-provvediment jista` jigi nvokat mill-membri kollha, u mhux biss minn membri minoritarji u m`hemmx dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-qorti f`dan il-kuntest huma wesghin. Minn dan il-provvediment hu evidenti li :*

*(a) Dan il-provvediment japplika wkoll f`kaz ta` att jew ommissjoni izolata ;*

*(b) Ir-rimedju jista` jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur ;*

*(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.*

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Ltd et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*... l-Artikolu 402 ta` l-Att dwar il-kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa` lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess ...*

*... din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art.459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista` jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta` partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista` jsofri, pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali ta` l-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` possibilita` **("Vincent Monreal et v.***

***Lino Delia noe"*** *deciza mill- Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju, 1999). Infatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza in re* ***Bovey Hotel Ventures Ltd*** *[(1983) B.C.L.C. 290] li `the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

*… Fid-decizjoni* ***O`Neill v Phillips*** *moghtija mill-House of Lords fl-20 ta` Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta` dak li huwa `fair`. Izda Lord Hoffman izid ighid li - "Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used … The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed.*

Fis-sentenza ***Bovey Hotel Ventures Ltd*** (op. cit.) kien inghad hekk –

*The test of unfairness must, I think, be an objective, not a subjective one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have had the de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith; the test, I think, is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner`s interests.*

Fis-sentenza "**Monreal et vs Delia noe**" (op. cit.) inghad hekk –

*Dawn il-provedimenti huma ta` salvagwardja u ta` protezzjoni ghall-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, b`mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta` socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta` socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista` jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f`kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista` jsofri xi pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta` dan kollu jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur.*

*Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista` tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel.*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**<u>Philomena Ellul vs Charles Ellul</u> <u>pro et noe</u>",** il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

... *Fil-ligi Ingliza (ara Art 459 tal-Companies Act, 1985) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta` l-Appell Ingliza stabbiliet fil-kaz "in Re Saul D. Harrison & Sons plc ([1995]) 1BCLC 14)" il-linji ta` gwida dwar kif kellu jkun l-operat biex ikun jista` jigi kkwalifikat bhala, "unfairly prejudicial" (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta "b`mod mhux gust ta` pregudizzju"). Wiehed kellu, fl-ewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija. Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettattivi legittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista` jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut tas-socjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti. Fil-kaz Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd. ([1973] AC 360) Lord Wilberforce elenka numru ta` sitwazzjonijiet fejn dan ir-rimedju jista` jinghata, sitwazzjonijiet dawn li x`aktarx jinstabu f` kumpaniji zghar privati li ta` sikwiet jissejhu "quasi partnerhsips", fosthom is-segwenti :-*

*"(i) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence – this element will often be found where a pre-existing partnership has been converted into a limited company ;*

*(ii) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping members") of the shareholders shall participate in the conduct of the business ;*

*(iii) restriction upon the transfer of the members` interest in the company – so that if confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot take out his stake and go elsewhere".*

Fil-pagna 464 tat-Tielet Edizzjoni tal-***<u>Ferrar`s Company Law</u>*** jinghad hekk –

... *The position will vary greatly from the small private companies, commonly called quasi-partnerships, to public companies of considerable size.*

*As a quasi-partnership, the company will usually have been formed or continued on the basis of a personal relationship involving mutual confidence. There may be an agreement or understanding that all or some of the shareholders are to participate in the conduct of the business. Restrictions on the transfer of shares will be the rule rather than the exception. The individuals involved may also have made relatively substantial capital contributions to the company. Shareholders in such companies will be a small close-knit group, actively involved in many instances in the daytoday operations and financially and personally committed to the company. Here the scope for legitimate expectations beyond their strict legal rights is obviously greatest.*

*However, as Lord Wilberforce stressed in Ebrahimi v Westbourne Galleries Ltd, the case for giving effect to equitable considerations must be made in each instance and it is not sufficient simply to assert that the company is small or private, for in many cases the basis of the relationship will be adequately and exhaustively laid down in the articles. If it is so defined by the articles or, for example, by the articles supplemented by a shareholders` agreement, then there is little room for finding further legitimate expectations beyond those outlined in the documents.*

*The interests of shareholders in larger private and public companies, on the other hand, are likely to be quite different from those of shareholders in quasi-partnerships and considerably more restricted. In these larger companies there is usually no underlying personal relationship, employment is rarely an issue and the shareholders are more interested in such matters as dividend yield and capital appreciation than involvement in the day-to-day running of the company. If they become dissatisfied, especially if it is a public company, they can sell their shares and withdraw from the company. Here the members rarely have expectations beyond their strict legal rights as provided by the articles.*

*"That is not to say that s.459 does not apply to larger private companies and public companies for the section is clearly not limited to quasi-partnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the interests of the members in such companies.*

Kif qalu Hicks u Goo fil-pagna 409 tal-Hames Edizzjoni ta` ***Cases and Materials on Company Law*** –

*In the early days of S.459, it was thought that the petitioner must have unfairly suffered prejudice to an interest as a member only (and not eg. as a director). This requirement has never been relaxed in that the Court is prepared to recognise that members may have different interests having regard to their rights, expectations and obligations (re a company (No 00477 of*

*1986 [1986 BCLC 376; O`Neill v Phillips. [1999] 1 WLR 1092). This is particularly so in quasi-partnership cases where a minority is excluded from management. But where the articles make detailed provision for any departing members to sell their shares at a fair price, the position may be different …Section 459 has proved to be a powerful weapon for minority shareholders, particularly in the case of quasi-partnerships. In such companies, minorities who are excluded from management participation or who unfairly suffer loss as a result of wrongdoing by directors or majority shareholders may get relief under the section.*

Kif diga` nghad, il-Kap 386 ma jaghti l-ebda tifsira tal-kliem li jintuza fl-ewwel subinciz. Ghalhekk bhala mizura ta` interpretazzjoni tajjeb li ssir riferenza ghad-dottrina u gurisprudenza Ingliza billi d-disposizzjoni ttiehdet mil-Ligi Ingliza.

Fil-kawza ***In Re Bovey Hotel Ventures Ltd.*** (op. cit.) `*unfair prejudice*` kienet deskritta fis-sens illi –

*The test for unfairness must, I think, be an objective, not a subjective, one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith; the test, I think is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner`s interests.*"

Fil-pagna 449 tar-Raba` Edizzjoni tal-***Farrar`s Company Law***, jinghad illi –

*A member`s interests are not necessarily limited, therefore, to his strict legal rights under the Articles and the Companies` Act but can extend also to legitimate expectations as to the conduct of the company`s affairs arising from the nature of the company and the agreements and understandings between the parties.*

## V. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

### 1. L-ilmenti tar-rikorrenti skont ir-rikors promotur

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jissenjalu hames ilmenti li huma ndikati minn (a) sa (e) fil-paragrafu 3 tar-rikors.

**i. L-ilmenti (a) u (c)**

L-ilmenti (a) u (c) se jkunu trattati flimkien ghaliex huma relatati.

L-ilment (a) ighid :-

*is-socjeta` titmexxa f`interess predominanti ta` l-azzjonisti u diretturi li huma William Carbonaro u Anthony Parlato Trigona : dan ghaliex l-esponent gie mnehhi illegalment, fil-fehma tieghu, minn Direttur u floku l-casual vacancy mtliet mit-tifel ta` William Carbonaro.*

L-ilment (c) ighid :-

*kien hemm tnehhija ta` l-esponenti minn Direttur illi ma saritx validament ; dan apparti r-rekwiziti ta` l-istatut li jipprovdi ghall-maggoranza ta` tmenin fil-mija ta` l-azzjonijiet, l-iskop u r-ragunament ta` l-istatut li jipprovdi ghalll-maggoranza ta` tmenin fil-mija ta` l-azzjonijiet, l-iskop u r-ragunament li bih saret kienet manifestament fl-interess ta` grupp ta` azzjonisti u certament mhux animata mill-ahjar interess tas-socjeta`.*

Dwar l-ilment (a) il-Qorti taghmel riferenza ghall-Art 140 tal-Kap 386.

Fl-istess waqt, tirreferi wkoll ghas-sitwazzjoni ta` *quasi-partnership* li kienet trattata fid-dottrina, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna u dik Ingliza.

Fil-pag 976 et seq ta` **Principles of Maltese Company Law** – OUP - 2007 - Andrew Muscat ighid :-

*In a number of foreign cases, the courts have held that despite the statutory right of members to remove a director from office by a majority of votes, a member in the "quasi-partnership" type of private companies has an interest in the continued participation in the management of the company and that removal from that position in circumstances where there is an expectation of participation can amount to unfairly prejudicial conduct, unless of course the expulsion has been for a good and sufficient reason …*

*In order that the "special" relationship may arise, something more is required, which typically may include one or probably more of the following elements : (a) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence ; (b) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping" members) of the shareholders are to participate in the management of the business ; and (c) restrictions upon the transfer of the shares in the company, so that if mutual confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot simply take out his stake and move elsewhere.*

Fil-pag 771 l-awturi ta` **Boyle & Birds` Company Law** – Tmien Edizzjoni – 2011 – Jordans – ighidu hekk :-

*… Section 994(1) allows a member to apply to the court by petition for an order under the section. In a number of cases, it has been held that in the case of a small private "quasi-partnership" type of company, the court may take account of the "legitimate expectations" of members. However in a more substantial company such a "concept" has no place. More recently, the Court of Appeal has emphasised that in general members have no legitimate expectations beyond the legal rights conferred on them by the constitution of the company. This applies unless it can be shown that a legitimate expectation arises out of a fundamental understanding between shareholders, which formed the basis of the association. This may confer a right to participate in management. Even in the case of a "quasi-partnership" type of company, dismissal from employment and a position on the board will not necessarily establish unfair prejudice.*

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tghid illi Regent hija *a quasi-partnership type of company*. Infatti rrizulta illi l-ghaqda ta` negozju bejn l-erba` azzjonisti ta` Regent – li kienu wkoll l-ewwel diretturi taghha – twieldet u kompliet abbazi ta` relazzjoni personali u professjonali li kienet titlaq minn principju ta` fiducja reciproka. Meta xxellfet il-fiducja bl-ikrah, sfuma l-*affectio societatis* fondat fuq l-erbgha, mhux ta` wiehed kontra tlieta jew ta` tlieta kontra wiehed. Irrizulta li l-erbgha ma kienux *sleeping members* izda kienu jippartecipaw attivament fin-negozju. Tajjeb jinghad ukoll illi t-trasferiment ta` l-ishma fil-kumpannija kien ristrett skont l-Art 9, 10, 11 u 12 tal-Articles of Association (fol 10 et seq tal-process).

Fil-kaz ta` "*quasi-partnership*", il-qorti ma tistax tillimita ruhha ghal tifsira ristretta tal-ligi jew tal-pattijiet ta` bejn l-azzjonisti izda trid tmur oltre.

Trid tara :-

a) jekk hemmx ic-cirkostanzi fejn ir-rikorrent li tnehha minn direttur ghadx ghandu l-aspettattiva li jibqa` jippartecipa fit-tmexxija tal-kumpannija ; u

b) kienx hemm raguni valida bizzejjed li tiggustifika t-tnehhija tieghu.

Ghar-rigward tal-ewwel konsiderazzjoni, ir-rikorrenti ttentaw il-procedura tal-lum, li taf twassal – anke potenzjalment – ghax-xoljiment ta` Regent. Dan jinghad ghaliex kif jirrizulta mid-dokument ezebit bhala Dok WC1, ir-rikorrent ried illi l-*voting power* fis-socjeta` Winex *may devolve democratically on all the shareholders.* Evidentement dak li ried ir-rikorrent huwa li jnehhi minn Regent is-sahha tal-51% tal-ishma ta` Winex sabiex ghall-propositi tieghu il-*voting power* fis-socjeta` Winex ikun aktar bilancjat – possibbilment favur tieghu. It-tnehhija tal-Perit Vassallo minn direttur certament iddisturbat li bilanc li kien hemm fis-socjeta` Regent fejn l-erba` azzjonisti kienu wkoll l-erba` diretturi. Il-htiega tal-ghaqda fis-sens aktar wiesgha tal-kelma kienet riflessa anke fl-articles of association fis-sens illi tfassal it-*treshold* tal-vot ta` 80% ghat-tehid ta` decizjonijiet kemm fil-bord tad-diretturi u kif ukoll fil-laqghat generali.

Ghar-rigward tat-tieni konsiderazzjoni, jidher illi l-komportament tal-Perit Vassallo gab certa *deadlock* fil-bord tad-diretturi. Ghalhekk it-tlieta l-ohra marru ghat-tnehhija. Ir-rikorrent ma kienx qed jattendi laqghat. Beda jirrifjuta li jiffirma cheques. Baghat javza lill-azzjonisti ta` Winex li ried ixolji Regent.

Il-Qorti hadet qies ta` dan kollu.

Abbazi tal-provi, irrizulta li malli beda jinqala` l-inkwiet u marret il-fiducja li hemm bejn ir-rikorrent fuq naha u l-intimati min-naha l-ohra, ir-rikorrent beda jkun aktar metikoluz u joqghod aktar attent ghal dak li kien qed jiffirma jew ghal dak li kien qed jintalab li jawtorizza li jsir. Beda jzomm il-punt dwar kollox. Beda jibghat atti gudizzjarji lid-diretturi dwar multi li Regent kienet wehlet matul iz-zmien. Ghamel dikjarazzjoni mal-azzjonisti l-ohra ta` Winex.

Mill-banda l-ohra, ir-ragunament tad-diretturi l-ohra, li Vassallo ghandu jitnehha, kien wiehed estrem. Jidher li l-kontendenti kienu waslu fis-

sitwazzjoni fejn kull naha bdiet taghmel fattieha minflok iz-zewg nahat jigbdu habel wiehed <u>flimkien</u> u cioe` dak ta` Regent.

L-argument li Perit Vassallo ma kienx qed jiffirma cheques irrizulta biss fil-kaz ta` cheque wiehed. Jidher li dak ic-cheque xorta wahda baqa` ma marx ghand min kien destinat, minkejja li kien inhatar dak li ssejjah *casual director* minflok ir-rikorrent, peress li skont l-intimat Perit Carbonaro, kien hemm tama li l-multa tinhafer, u ghalhekk ma kienx ikun hemm ghalfejn jintbaghat dak ic-cheque.

Dwar l-argument tan-nuqqas ta` attendenza ghal laqghat, jidher li minkejja l-assenza tar-rikorrent, xorta wahda kienu qed jittiehdu decizjonijiet mis-socjeta`, tant li Perit Vassallo kien prezenti ghal-laqgha fejn tnehha minn direttur !

Fil-fehma ta` l-Qorti, minkejja r-ragunijiet li gabu `l quddiem l-intimati, jibqa` l-fatt li t-tnehhija tar-rikorrent minn direttur – <u>tenut kont tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz</u> – ma kenitx l-ahjar mod ta` kif tinsab soluzzjoni ghal inkomprensjoni jew addirittura tilwima wara snin ta` hidma flimkien bejn l-erba` azzjonisti. Ladarba hawn si trattava ta` *"quasi partnership"* l-aspettativi kellhom jiehdu xejra diversa. Ir-reazzjoni tal-intimati ghall-imgieba tar-rikorrenti ma kellhiex tirrisolvi ruhha fit-tnehhija minn direttur, decizjoni din li skattat spirali ta` kawzi nkluz mandati kawtelatorji u esekuttiv li fil-fehma tal-Qorti komplew ihabblu l-kobba tal-problemi aktar u aktar.

**Il-Qorti tqis <u>gustifikati</u> l-ilmenti (a) u (c) bil-mod kif kienu <u>inkwadrati</u> aktar kmieni mill-Qorti.**

**ii. <u>L-ilment (b)</u>**

L-ilment (b) jirrigwarda allegati konflitti ta` interess.

<u>Ighid</u> :-

*... il-Managing Director Anthony Parlato Trigona ... iddikjara lill-mara tieghu bhala parti mill-payroll tal-kumpannija u tithallas sigurta` socjali u dan ghal skopijiet taghhom u mhux tas-socjeta`; illi bejn iz-zewg Diretturi Carbonaro u Parlato Trigona qedin imexxu negozju u joperaw*

*konsulat ta` Thailand mill-ufficju li l-kera tieghu thallasha s-socjeta` Winex Limited, li hija sussidjarja tas-socjeta` Regent Holdings Limited ;*

*Inoltre l-kera li thallas Winex Limited ghal kamra f`44, Regent House, Triq Bisazza, Sliema qed tithallas lil TPT Limited, kumpannija tal-familja ta` Anthony Parlato Trigona; is-socjeta` TPT Limited tikri minn ghand WCO Limited, socjeta` tal-intimat Direttur William Carbonaro; dawn huma socjetajiet li huma f`kompetizzjoni diretta u ma hemm ebda gustifikazzjoni ghal dan l-arrangament ;*

*Konflitt iehor ta` interess fit-tmexxija hija illi l-intimat Anthony Parlato Trigona kien ha awment fis-salarju tieghu, bil-ftehim illi ma jibqax jahdem u jopera minn 44, Regent House, Bisazza Street, Sliema: dan fil-fatt ma ccaqlaqx izda ha s-salarju awmentat.*

Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-allegati konflitti ta` interess huma nfondati u irrelevanti ghal-fini tal-istanza odjerna.

Irrizulta li Ingrid Parlato Trigona ma kienet qatt impjegata ta` Regent izda kienet impjegata ta` Windsor Holdings Limited l-ewwel, u ta` Winex wara.

Il-kwistjoni tal-hlas ta` l-kera li kienet tithallas minn Winex lil TPT Limited li qed tikri l-ispazju minghand WCO Limited ma tirrigwardax lil Regent.

L-istess ighodd ghall-kwistjoni tal-awment fis-salarju ta` Anthony Parlato Trigona billi qatt ma kien impjegat ta` Regent.

**Il-Qorti qeghda tirrespingi l-ilment (b).**

**iii.** **<u>L-ilment (d)</u>**

Dan l-ilment huwa maqsum fi tnejn.

<u>L-ewwel parti tghid</u> :-

*Illi hemm traskuragni grossolana fl-andament ta` l-affarijiet tas-socjeta`, b`mod illi diversi obbligi statutorji gew injurati u s-socjeta` Regent Holdings Limited u d-diretturi taghha inkorrew multi, bl-esponenti tqies mill-awtoritajiet ukoll personalment responsabbli.*

<u>It-tieni parti tghid</u> :-

*Inoltre l-intimati hargu dividend ta` profitti minghajr ma gie miftiehem l-ammont tad-dividend: sar arrangament bejn zewg diretturi ta` Regent Holdings Limited, minghajr ebda involviment jew konsultazzjoni mill-esponent u minghajr ma gie determinat l-ammont ta` dividend: din hija gestjoni totalment irregolari u ghalhekk prova ohra tal-malgestjoni.*

<u>Dwar l-ewwel parti tal-ilment (d)</u>,

Perit Vassallo jallega li kien hemm dewmien kroniku da parti ta` Parlato biex ihejji l-*management accounts* u jipprezentahom lill-awdituri. Bhala *company secretary*, Parlato ghandu responsabbilita` skont l-Art 72 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap 386 li jissottometti dawn l-atti lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Perit Vassallo li kien esklussivament l-ipprocessar u hrug ta` visas li tellef serjament lil Parlato milli jipprezenta l-*accounts* tas-socjetajiet fil-hin bil-konsegwenza li kienu nflitti l-multi.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li kienu nflitti l-multi, dawn kienu ilhom jakkumulaw ghal diversi snin ; issemmiet is-sena 2000 u cioe` disa` snin qabel il-presentata tar-rikors tal-lum. L-erba` diretturi kienu jafu bil-multi inkluz ir-rikorrent u ma hadux passi biex jirrimedjaw ghaliex kien mohhom fit-twettieq tal-progetti li kienu se jrendulhom – u fil-fatt irrendewlhom – *denaro a palate.*

Fil-fehma tal-Qorti, il-multi kienu nkorsi minhabba l-mod kemmxejn u informali li bih kienet titmexxa mhux biss Regent izda wkoll socjetajiet ohra fejn l-erba` azzjonisti kellhom interess komuni. Ghalhekk il-Qorti m`ghandhiex il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi d-dewmien lamentat mir-rikorrent kien imputabbli ghal *dereliction of duties* da parti ta` Parlato. Il-Qorti hija aktar propensa li tikkonkludi illi kull wiehed mill-erba` azzjonisti u diretturi kien jaf bid-diffikultajiet sabiex jigu ppreparati u finalizzati l-*financial statements.* Ghalhekk kienu aktar propensi jikkoncentraw fuq il-

progetti milli fuq l-obbligi statutorji tas-socjeta` u ghalhekk fil-prattika kienu qeghdin iqisu l-multi bhala spejjez tas-socjeta`.

**Il-Qorti qeghda <u>tiskarta</u> l-ewwel parti tal-ilment.**

<u>Dwar it-tieni parti tal-ilment (d)</u>,

Irrizulta illi waqt laqgha tal-bord tad-diretturi illi saret fil-15 ta` Mejju 2009 : *It was proposed that as in the past, Regent Holdings would in future continue to distribute dividends from those distributed by Winex Holdings, but after deducting an allowance for estimated yearly expenses. This was agreed to by the board, with Mr Vassallo abstaining.* (Dok WC 25)

Irrizulta waqt laqgha ohra li saret fl-10 ta` Gunju 2009 (Dok WC 27) wara li r-rikorrent kien tnehha minn direttur, saret minuta illi : *Dividend was discussed. It was explained that this had already been approved at the last meeting, (15/05/2009). The dividend distributed by Winex was 12.5% as in the previous year. The amount of EUR 38,609.36 net was then declared interim.*

Ladarba l-bord tad-diretturi kien approva li *dividends* jibqghu jinhargu wara li titnaqqas somma rapprezentanti spejjez li jsiru, id-diretturi kellhom dritt li jiddikjaraw *dividends* minghajr ma jsir *general meeting* apozitu. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li peress li fl-*articles of association* ma kienx hemm imnizzel liema organu ghandu jiddikjara l-hrug ta` *dividends,* huma d-diretturili ghandhom din is-setgha abbazi tal-Art 137(3) tal-Kap 386.

Il-Qorti tikkondividi l-posizzjoni tal-**<u>Prof Andrew Muscat</u>** (op. cit. pag. 756) meta jikteb hekk :-

*Directors may however be given power to declare dividends as well as, or to the exclusion of, the general meeting. If the articles are silent as to which organ is authorized to declare dividends, it would seem that this power vests in the directors rather than in the general meeting. Again this view relies on the principle in article 137(3) of the Companies Act that the directors may exercise all the powers of the company as are not by law or by the memorandum or articles of association, required to be exercised by the company in general meeting.*

Ir-rikorrenti ghamlu wkoll l-argument illi meta hareg id-dividend, kienet abbuzata l-procedura, billi minflok illi l-quantum tad-dividend, li wasal minghand Winex, tqieghed fil-kont ta` Regent, il-flus tqassmu bejn it-tlett azzjonisti ntimati ; dan ifisser li hemm dubju dwar l-*audit trail.*

Ghalkemm kien ikun ahjar li kieku hargu cheques ghall-fini ta` l-*audit trail* xejn ma kien jipprekludi illi johorgu ammonti fi flus kontanti – dment li jkun hemm *record.*

Dan premess, il-Qorti tghid illi ghaliha ma jaghmel l-ebda sens illi ssir xi riserva dwar *dividend* meta r-rikorrenti hadu u accettaw dak id-*dividend.* Ghalhekk huwa kemmxejn inopportun li wara li accetta d-*dividend*, Vassallo jilmenta dwar il-mod kif kien dikjarat dan id-*dividend.*

**Il-Qorti qeghda <u>tiskarta</u> t-tieni parti tal-ilment.**

**iv. <u>L-ilment (e)</u>**

L-ilment ighid hekk :-

*Illi llum hemm deadlock fil-mod kif qed titmexxa s-socjeta` intimata, li giet highjacked bil-mod kif qed titmexxa ; ir-raison d`être u s-substratum necessarju ghall-funzjonament tal-kumpannija spicca ; dan ghaliex Regent Holdings Limited kienet saret sabiex isir progett ta` zvilupp f`Tigne Street, Sliema u tirraprezenta l-interessi tal-kontribuzzjoni ta` Periti u project management ta` Parlato Trigona ; dan il-progett illum intemm, il-proprjeta` u l-operazzjoni tal-progett hija ta` Winex Limited u ghalhekk ma hemmx aktar raguni ghaliex tibqa` tezisti Regent Holdings Limited ; inoltre kull dividend li tqassam Regent Holdings Limited huwa mxekkel bi spejjez amministrattivi tal-kumpannija.*

Il-Qorti tqis infondat dan l-ilment.

Minn qari tal-*memorandum* u *articles of association* ta` Regent, ma jidhirx li kien stipulat illi Regent kellu jkollhom hajja limitata jew *objects* ristretti u determinati fiz-zmien. Tant dan huwa hekk illi fost l-*objects* tas-socjeta` kien hemm : "*to invest or hold shares in any other company, partnership or business and to give loans, and credit facilities to third parties*" minghajr ebda limitazzjoni ta` zmien jew skop.

B`zieda ma` dan, abbazi tal-provi, huwa biss ir-rikorrent li qed jipproponi x-xoljiment ta` Regent. It-tliet azzjonisti l-ohra ghamluha cara li ghandhom kull interess li s-socjeta` tkompli bl-ezistenza taghha.

Dwar l-allegazzjoni ta` *deadlock,* il-Qorti tifhem li din hija problema reali li pero` trid tkun risolta bil-buon sens **mhux** bix-xoljiment ta` Regent.

**Il-Qorti qeghda tirrespingi anke dan l-ilment.**

**2. Ilmenti ohra**

Fil-kors tal-kawza, ir-rikorrenti gabu `l quddiem ilmenti ohra.

**i. Infrastruttura**

Skont ir-rikorrenti, l-intimati Carbonaro u Parlato ghamlu abbuz mill-infrastruttura ta` Regent.

L-ufficcju ta` Regent huwa 44, Regent House, Bisazza Street, Sliema. Ma jirrizultax li Regent qatt hallset kera ghal dak l-ufficcju. Il-files kienu jinzammu hemm ghall-konvenjenza biss. Parlato kien jaghmel xoghol ta` Regent bl-infrastruttura tieghu stess, kemm mill-ufficju tieghu minnu mikri, kif ukoll bil-computer u skrivaniji fejn kienu jinzammu il-files ta` Regent.

Ir-rikorrenti ma gabux il-prova ta` minn xiex kienet kostitwita l-infrastruttura ta` Regent li allegatament kienet sfruttata abbusivament.

Il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq allegazzjoni jew weggha izda fuq provi. U l-provi tar-rikorrenti f`dan ir-rigward ma gewx.

**Ghalhekk dan l-ilment qed ikun skartat.**

**ii. <u>Kreditu</u>**

Ilment iehor kien jirrigwarda dizgwid bejn kreditu li Winex kellha kontra s-socjeta` Windsor Holdings Limited.

**Billi dan l-ilment ma jinkwadrax fil-parametri tal-kawza tal-lum, il-Qorti qeghda <u>tiskartah</u> ukoll.**

**iii. <u>Mandati</u>**

Perit Vassallo allega li kien hemm "sinkronizzar" ta` mandati meta fix-xahar ta` Lulju 2010, Windsor Holdings Limited kisbet il-hrug ta` mandat` ta` sekwestru biex ma jishallsux *dividends* jew krediti spettanti lil Regent, proprju lejliet it-tieg ta` bintu, sabiex b`hekk ma jkunx jista` jiehu dividend dovut lilu.

Perit Vassallo jirreferi wkoll ghall-fatt li xhur wara li ghamel kawza sabiex Regent thallsu lura s-self li kien taha fl-ammont ta` €120,000, l-intimati ammettew il-kawza izda minflok hallsu kisbu l-hrug ta` mandat gdid biex jimblukkaw il-kreditu ammess minnhom.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm jista` jkun li xi mandati gew "sinkronizzati" biex b`xi mod izommu lill-Perit Vassallo milli jircievi xi ammonti ta` flus, dawk il-mandati kienu jikkostitwixxu mezz legittimu u skont il-ligi sabiex parti tkun tista` tipprotegi l-pretensjonijiet taghha. Il-kwistjoni ta` jekk il-mandati kienux imtebba` b`abbuz hija kwistjoni li kellha tkun investigata bi proceduri appositi, u diversi minn dan tal-lum.

**Billi anke dan l-ilment ma jinkwadrax fil-parametri tal-kawza tal-lum, il-Qorti qeghda <u>tiskartah</u> ukoll.**

**iv. <u>*Viewing rights*</u>**

Dan l-ilment jirrigwarda kontijiet bankarji ta` Winex, u ta` Windsor Holdings Limited.

**Billi anke dan l-ilment ma jinkwadrax fil-parametri tal-kawza tal-lum, il-Qorti qeghda <u>tiskartah</u> ukoll.**

**v. <u>Is-self minn Banif Bank</u>**

Dwar il-kwistjoni tas-self li hadet Regent minn Banif Bank, u c-cessjoni ta` *dividends* future favur il-bank kreditur, il-Qorti qieset din il-kwistjoni fil-kuntest tal-kawza Nru 361/2011 JZM propjui ghaliex dik il-kawza kienet tittratta allegati danni subiti minhabba t-talba ghal hlas lura tas-self minghand Perit Raymond Vassallo. Il-Qorti tat provvediemnt dwar dik il-kawza u ghalhekk tieqaf hemm.

Tajjeb jinghad illli s-self minn Banif Bank sar <u>wara</u> l-kawza li ghamel Perit Vassallo biex jithallas il-€120,000 mislufa lil Regent. Billi l-procedura tas-self skattat minhabba l-inizjattiva li hadu r-rikorrenti, il-Qorti ma tara xejn spropozitat fil-pass illi hadu l-intimati.

Del resto kienu r-rikorrenti li <u>tal-ewwel</u> talbu lura l-hlas ta` s-self. Anke l-azzjonisti l-ohra kellhom kreditu identiku ghal dak tar-rikorrenti *eppure* ma ghamlux kawzi kontra Regent. Li gara wara kien illi l-azzjonisti l-ohra *sono corsi ai rispari* unikament minhabba l-komportament tar-rikorrenti – propju xejn minn awl id-dinja, imbaghad fid-dinja tan-negozju !

**Il-Qorti qeghda <u>tiskartah</u> ukoll.**

**vi. <u>Il-hatra tal-awditur</u>**

Il-Perit Vassallo lmenta illi fil-laqgha generali ta` April 2012 l-awditur Andrew Galea ma kienx ikkonfermat bhala awditur, izda xorta wahda baqa` jsir uzu tas-servizzi tieghu. Ghalhekk it-tkomplija bix-xoghol minn Andrew Galea hija sfida ghall-vot li hadet il-laqgha generali.

**Fil-fehma tal-Qorti l-ilment mhux ippruvat. Ghalhekk qieghed jigi skartat ukoll.**

**3. <u>L-Art 402(3) tal-Kap 386</u>**

**Il-Qorti diga` qalet illi mill-ilmenti kollha li ressqu r-rikorrenti, l-uniku li fil-fehma taghha jinkwadra fl-ambitu tar-rekwiziti tal-Art 402(1) kienet it-tnehhija tar-rikorrent minn direttur. Ghalhekk sejra tghaddi biex tqis l-ahjar rimedju fic-cirkostanzi.**

Fil-pag 285 tal-ktieb "**<u>Company Law – Theory, Structure and Operation</u>**" (OUP – 1998) Brian Cheffins ighid illi d-disposizzjoni fil-ligi Ingliza analoga ghal dik prezenti fil-legislazzjoni taghna *does not define in any way the type of conduct which qualifies as unfairly prejudical.* Fl-istess waqt il-legislazzjoni *provides a Judge with broad powers to grant to a successful applicant whatever remedy is appropriate.*

Din hija anke l-posizzjoni li hadu l-qrati taghna. Infatti fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**<u>Philomena Ellul vs Charles Ellul pro et noe et</u>"** inghad illi :-

*Il-Qorti ghandha poteri deskrezzjonali vasti hafna ghal dak li jirrigwardja r-rimedji li tista` tipprovdi meta tara li ghandha taghti harsien lill-azzjonist kontra pregudizzju mhux gust.*

**Il-Qorti teskludi bhala *not just and equitable* illi tordna x-xoljiment u l-istralc ta` Regent, ghaliex ma hemmx ragunijiet li jiggustifikaw procedura daqstant estrema.**

**Lanqas ma tqis bhala *just and equitable* li Regent tnaqqar mill-uniku *asset* li ghandha u cioe` Winex li qed irendilha dhul regolari. Ghalhekk ma jkunx *fair* u lanqas *equitable* illi bhala rimedju jkun ordnat il-bejgh *in toto* jew *in parte* l-ishma li ghandha Regent fis-socjeta` Winex.**

**Wara li qieset il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti hija r-rimedju l-aktar indikat u opportun ghandu jkun il-bejgh tal-ishma li ghandhom ir-rikorrenti fis-socjeta` Regent.**

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fil-pag 1003 ta` "**<u>Principles of Maltese Company Law</u>**" fejn inghad :-

*This radical order has a number of advantages : (i) that the complainant can realise the value of his interest in the company without*

*having the company wound up ; (ii) that the purchasers will receive full value for the price paid for the shares ; and (iii) that the complainant on the one hand, and the company and the majority shareholder on the other, can make a "clean break". This remedy should ideally be used sparingly and should be resorted to only when other remedies are inapplicable or bound to be ineffective to redress the wrongdoing.*

**Provvediment**

**Il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi :-**

**Tiddikjara illi – ghar-ragunijiet biss li ndikat aktar kmieni fil-Parti V. 1. i. ta` dan il-provvediment – issib li kienu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art 402(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 402(3) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta :**

**1) Tordna l-bejgh ta` l-ishma kollha li ghandhom ir-rikorrenti f`Regent Holdings Limited (C-2130).**

**2) Tordna lill-intimati Perit William Carbonaro, Perit Edward Micallef u Anthony Parlato Trigona bhala diretturi ta` Regent Holdings Limited (C-2130) sabiex sa mhux aktar minn erba` (4) xhur mil-lum jipprezentaw fir-Registru ta` din il-Qorti l-ahhar *full audited accounts* approvati skont il-ligi, u l-*management accounts* sal-lum tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130).**

**3) Tahtar lill-Awditur Michael Spiteri Bailey sabiex sa zmien sitt (6) xhur mil-lum jistabilixxi kemm jiswa` fid-data tal-lum kull sehem tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130). Ghandu jaghmel dan billi jipprezenta fl-atti ta` dan il-procediment relazzjoni li ghandu jahlef quddiem ir-Registratur tal-Qorti jew rapprezentant tieghu.**

**4) Tordna lill-intimati Perit William Carbonaro, Perit Edward Micallef u Anthony Parlato Trigona bhala diretturi ta`**

**Regent Holdings Limited (C-2130) sabiex jaghtu lill-Awditur Michael Spiteri Bailey access shih ghal kull taghrif li jkun jehtieg sabiex jespleta l-inkariku tieghu.**

**5) Tordna illi abbazi tal-prezz li jistabilixxi l-Awditur Michael Spiteri Bailey ghandhom jinbieghu l-ishma kollha tar-rikorrenti fil-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) fi zmien xahrejn mid-data li fiha tkun giet konfermata bil-gurament ir-relazzjoni tal-Awditur Michael Spiteri Bailey.**

**6) Tordna li l-akkwist ta` l-ishma kollha tar-rikorrenti fil-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) skont il-prezz stabbilit mill-Awditur Michael Spiteri Bailey ghandu jsir mill-membri l-ohra tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) b`dan illi kull membru ma jkunx jista` jakkwista aktar minn terz tal-ishma tar-rikorrenti, jekk mhux bil-kunsens bil-miktub tal-membri l-ohra.**

**7) Tordna lill-Awditur Michael Spiteri Bailey sabiex jissorvelja – b`mod attiv u liberu – il-process kollu tal-bejgh u tat-trasferiment tal-ishma tar-rikorrenti lill-membri l-ohra tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130).**

**8) Tordna li dan il-provvediment ghandu jipprevali fuq id-disposizzjonijiet tal-*memorandum* u l-*articles of association* tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) u tordna li ma jsir l-ebda bdil fil-*memorandum* u l-*articles of association* tal-kumpannija Regent Holdings Limited (C-2130) sakemm isir il-bejgh u t-trasferiment tal-ishma kif fuq inghad.**

**9) Tordna lill-partijiet, individwalment jew flimkien, sabiex fi zmien hmistax-il jum mid-data li jkun sar l-akkwist u t-trasferiment tal-ishma skont il-provvediment tal-lum jipprezentaw nota fl-atti ta` dan il-procediment fejn jigi dikjarat li jkun sar l-akkwist u t-trasferiment tal-ishma.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluz il-procedura tal-bejgh u trasferiment tal-ishma, kif ukoll id-drittijiet u l-ispejjez tal-Awditur Michael Spiteri Bailey ghandhom jithallsu in**

**kwantu ghal nofs mir-rikorrenti u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-intimati.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**